



## ANNEX 2: AKTAR TAGĦRIF DWAR IL-KOMPETIZZJONI U L-ĠURIJA\*

Il-kompetizzjoni, li tħabbret fi Frar 2014, tmexxiet bħala konkors bi stedina li kien maqsum f'żewġ fażijiet u jkopri xogħlijiet fi tliet postijiet differenti. It-tliet postijiet intgħażlu skont l-adattabbiltà tagħhom biex jilqgħu u jiżguraw il-viżibbiltà ta' installazzjonijiet artistiċi kbar.

### Fażi 1

Il-kumitat tal-għażla magħmul minn esperti tal-arti magħrufin mad-dinja kollha ħejja lista ta' artisti mill-Unjoni Ewropea għal kull wieħed mill-postijiet. L-artisti kellhom jissodisfaw il-kriterji tal-għażla stabbiliti fir-regoli tal-kompetizzjoni. Il-kompetizzjoni ġiet organizzata b'mod li seta' jieħu sehem mill-inqas artist wieħed minn kull Stat Membru fl-ewwel fażi. B'kollox ġew nominati 59 artist minn 28 pajjiż tal-Unjoni Ewropea.

#### Kompożizzjoni tal-kumitat tal-għażla

- Nicolas Bourriaud (Direttur, École nationale supérieure des Beaux-Arts, Pariġi)
- Susanne Gaensheimer (Direttur, Mużew tal-Arti Moderna, Frankfurt am Main)
- Massimiliano Gioni (Direttur, New Museum, New York, Kuratur tal-Bjennali ta' Venezja 2013)
- Mária Hlavajová (Direttur Artistiku, basis voor actuele kunst, Utrecht)
- Enrique Juncosa (li qabel kien Direttur tal-Mużew Irlandiż tal-Arti Moderna, Dublin)
- Kęstutis Kuizinas (Direttur, Ċentru tal-Arti Kontemporanja, Vilnius)
- Ann-Sofi Noring (Kuratur Ewlieni, Moderna Museet, Stokkolma)

### Fażi 2

Fl-ewwel laqgħa li saret f'Ġunju, il-ġurija ntalbet tagħżel mhux iżjed minn tmienja mill-artisti nominati għal kull post. Dawn l-artisti mbagħad ġew mistiedna jiżviluppaw proposti konkreti ta' disinn, li ġew anonimizzati qabel ma tressqu quddiem il-ġurija.

Fit-tieni laqgħa li saret bejn it-23 u l-24 ta' Ottubru, il-ġurija identifikat l-aħjar proposta għal kull wieħed mit-tliet postijiet.

#### Kompożizzjoni tal-ġurija

F'isem il-BĊE:

- President: Benoît Cœuré, Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE
- Viċi President: Werner Studener, Direttur Ġenerali, Amministrazzjoni

F'isem il-banek ċentrali nazzjonali tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali:

- Ewald Nowotny, Gvernatur ta' Oesterreichische Nationalbank
- Erkki Liikanen, Gvernatur ta' Suomen Pankki – Finlands Bank

F'isem l-uffiċċju tal-arkitetti responsabbli għad-disinn tal-bini l-ġdid tal-BĊE:

- Frank Stepper, Sieħeb Ewlieni fil-Proġett, Coop Himmelb(l)au

Esperti tal-arti:

- Carolyn Christov-Bakargiev, Kuratur tal-Bjennali ta' Istanbul 2015 u Professur Mistieden fl-Università Northwestern (Evanston, Illinois, Stati Uniti)
- Isabel Carlos, Direttur tal-Fondazzjoni Calouste Gulbenkian, Lisbona
- Sirje Helme, Direttur Ġenerali, Mużew tal-Arti tal-Estonja, Tallinn
- Rein Wolfs, Direttur tas-Sala tal-Arti u l-Wirjiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, Bonn

\* L-informazzjoni dwar l-individwi msemmija kienet korretta fid-data tal-ewwel pubblikazzjoni, 10 ta' Novembru 2014.

**Bank Ċentrali Ewropew**

Direttorat Ġenerali Komunikazzjoni, Taqsima Relazzjonijiet Midja Globali

Sonnemannstrasse 20, 60314 Frankfurt am Main, il-Ġermanja

Tel: +49 69 1344 7455, Email: [media@ecb.europa.eu](mailto:media@ecb.europa.eu)

Internet: [www.ecb.europa.eu](http://www.ecb.europa.eu)

**Ir-riproduzzjoni hi permessa sakemm jissemma s-sors.**